# IR-RABA' PARTI
# APPELLI KRIMINALI

**13 ta' Jannar, 1962.**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Temi Zammit

**Traffiku — Danni — Responsabbiltà Kriminali — Kolpa Kontributorja — Art. 63 Traffic Regulations.**

*Driver ta' karrozza li jikkaġuna danni waqt li qiegħed isuq hu ħati jekk da parti tiegħu kien hemm xi kolpa ammontanti għal "criminal misconduct"; liema kolpa tista' tkun anki kontributorja; purkè kull kolpa tiegħu ma tkunx eskluża bil-fatt li għall-inċident kien unikament u esklużivament responsabbli ħaddieħor.*

*Meta jkun każ ta' "res ipsa loquitur", f'materja ta' danni waqt sewqan ta' karrozza, għandhom iċedu quddiemu x-xhiediet ta' nies bħala fehmiet soġġettivi tagħhom, li kienu diżattenti jew ma għamlux apprezzament tajjeb tal-inċident.*

*Hu veru illi r-regolamenti tat-traffiku jippreskrivu illi d-driver ta' karrozza għandu jżomm max-xellug nett tat-triq; iżda hu loġiku li wieħed ma japplikax dak ir-regolament b'mod inflessibbli għal kull xorta ta' lokalità; għax jista' jkun hemm lokalitajiet li fihom ma hemmx bżonn li dak ir-regolament jiġi osservat "ad unguem", osservat ċjoè fis-sens li jeħtieġ bilfors li l-karrozza tkun tħoqq max-xellug; basta, s'intendi, li d-driver ikun qiegħed isuq fuq ix-xellug.*

*Jekk id-driver ikkaġuna nvolontarjament danni minħabba l-emerġenza subitanea ta' karrozza oħra li ħarġet minn triq laterali għal ġo t-triq prinċipali u kkreat sitwazzjoni ta' perikolu għalieh, li kien fil-"major road" u għalhekk godenti r-"right of way", dak id-driver ma hux b'daqshekk meħlus*

*minn kull responsabbiltà għad-danni minnu kaġunati jekk huwa kien qiegħed isuq bi speed mhux moderat u minħabba f'hekk ma setgħax jevita l-ħsara. Huwa ħati ta' kolpa kontributorja, li kriminalment ma teħelsux mill-imputazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Ottubru 1961, li biha dan l-imputat ġie misjub ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni, ċjoè tali saq karrozza bi speed eċċessiv, talli naqas li jżomm fuq ix-xellug estrem tat-triq, u talli b'imprudenza, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti, tela' l-bankina bil-karrozza, laqgħat siġra tal-palm u bank tal-ħadid, u kkaġunalhom ħsara fis-somma ta' £9.10.0d. għad-dannu tal-Gvern Ċivili, b'dan illi l-aħħar imputazzjoni titqies li assorbiet l-imputazzjonijiet l-oħra u ġie dikjarat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni. Dik il-Qorti lliberat lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor żmien sentejn mill-ġurnata tas-sentenza skond l-art. 9 tal-Att XII tal-1957, u dan relattivament għall-imputazzjonijiet, ċjoè t-tieni, it-tielet u r-raba' waħda, li tagħhom instab ħati;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata fil-parti tagħha kundannatorja, u li hu jiġi liberat inkondizzjonatament;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti mhijiex imsejħa biex tapporzjona aritmetikament it-tort bejn iż-żewġ drivers involuti f'dan l-inċident, għax din l-indaġini, se maj, għandha ssir "civiliter". Il-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-appell hu li tara jekk kienx hemm xi kolpa ammontanti għal "criminal misconduct" da parti tal-appellant — liema kolpa tista' tkun anki kontributorja biss — u anki li tara, dipendentement minn din l-indaġini, jekk kull kolpa da parti tal-appellant hijiex eskluża bil-fatt li għall-inċident kien unikament u esklużivament responsabbli ħaddieħor;

Kwantu għall-imputazzjoni ta' speed eċċessiv, din il-Qorti taqbel mal-espert nominat mill-Ewwel Qorti, u mal-istess Qorti tal-Ewwel Grad, illi li-speed li bih kien isuq l-imputat kien eċċessiv Hu fatt li l-imputat, li kien qiegħed isuq "Triumph Sports Car", tela' l-bankina, laqgħat u daħal ġo siġra tal-palm, laqgħat bank tal-ħadid u tajru sitta u erbgħejn pied, u fl-aħħar inqaleb. Dan hu każ ta' "res ipsa loquitur", u quddiemu għandhom iċedu x-xhiediet tax-xhieda Ganado, Pillow u Bonello, bħala fehmiet soġġettivi ta' nies li jew kienu diżattenti, jew għamlu apprezzament żbaljat;

Kwantu għall-imputazzjoni l-oħra, li l-imputat naqas li jżomm max-xellug nett tat-trieq, hu veru li r-Reg. 63 tat-Traffic Regulations jippreskrivi dan; iżda hu loġiku li wieħed ma japplikax dak ir-regolament b'mod infiessibbli għal kull xorta ta' lokalità; għaliex mentri minn naħa waħda hemm lokalitajiet li t-topografija tagħhom hi tali li jeħtieġ assolutament li d-driver iżomm fuq ix-xellug nett tat-trieq, jekk irid jevita nċidenti, u jevita wkoll li jkun responsabbli għalihom, però hemm lokalitajiet li fihom ma hemmx bżonn li dak ir-regolament jiġi osservat "ad unguem", osservat ċjoè fis-sens li jeħtieġ bilfors li l-karrozza tkun tħoqq max-xellug; basta, s'intendi, li d-driver ikun qiegħed isuq fuq ix-xellug. Issa, f'dan il-każ, ix-xhieda Gatt, Ganado u Pillow, jgħidu li l-imputat kien fuq is-side tiegħu fis-sens li kien aktar lejn ix-xellug milli lejn iċ-ċentru tat-trieq; u Bonello tgħid li kien bejn ix-xellug u ċ-ċentru tat-trieq. Fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u stante t-topografija tal-lokalità in kwistjoni, ma jidherx li fuq l-isfond globali tal-imputazzjoni l-imputat jista' jinsab ħati talli ma kienx fuq ix-xellug nett, speċjalment meta wieħed iqies li f'dak il-post, fejn ma hemm ebda possibbiltà ta' emerġenza ta' traffiku mill-ġenb tal-ispjanata ta' Għar id-Dud latistanti għall-baħar, kien ikun forsi agħar, f'każ ta' emerġenza ta' traffiku mill-ġenb l-ieħor, li karrozza fil-"main road" tkun propriju tħoqq max-xellug;

Kwantu għall-imputazzjoni l-oħra, ta' danni involontarji, ċertament l-emerġenza subitanea ta' karrozza oħra mit-trieq laterali għal ġo t-trieq prinċipali kkreat sitwazzjoni ta' perikolu lill-appellant, li kien fil-"major road",

godenti r-"right of way"; imma lanqas ma jista' jiġi negat illi kieku verament l-appellant kien qed isuq bi speed moderat, kien ikun possibbli li hu jevita l-karrozza ta' Blundell bla ma jikkaġuna l-ħsara li ġiet kaġunata u jtajjar bank tal-ħadid (li fuqu provvidenzjalment ma kien hemm ħadd bilqegħda) sitta u erbgħejn pied bogħod. Hu indiskutibbli li l-ispeed eżaġerat hu l-kawża li l-aktar tiddetermina jew taggrava s-sinistri stradali; għax, "generalmente parlando", min isuq bi speed moderat ma jikkaġunax ħsara, fin-nuqqas ta' ċirkustanzi speċjali; u jekk tintervjeni n-negliġenza ta' ħadd ieħor, allura jew jirnexxilu jevita l-konsegwenzi tagħha għal kollox, jew almenu jimmoderalha dawk il-konsegwenzi b'azzjoni evaživa tempestiva. Għalhekk, mill-parti tal-appellant kien hemm kolpa kontributorja;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata filli ddikjarat l-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni, li minflok qegħdha tiġi issa esklużża, u tikkonfermaha għall-bqija tagħha. Il-liberazzjoni kondizzjonali ordnata mill-Ewwel Qorti għandha tkun riferibbli, per konsegwenza, għat-tieni u r-raba' imputazzjoni, ċjoè speed eċċessiv u danni involontarji, li tagħhom ġiet konfermata r-reità.